**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-06 ta' Dicembru, 2016

Talba Numru: 14/2016

Numru fuq il-Lista: 11

**SPM Drink S ystems S.p.A.,**
**36 Archbishop Street**

**Vs**

**Cedric Bartolo,**
**Imports Performacentre,**
**B'Kara By Pass,**
**Triq Dun Karm,**
**B'Kara.**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-12 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf disa' mija u hamsin ewro (€1950) liema ammont jirraprezenta bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilu u li naqas li jhallas minghajr ebda raguni valida minkejja li gie hekk interpellat diversi drabi. Bl-imghax legali mid-data tal-fattura u bl-ispejjez.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elf disa' mija u hamsin ewro (€1950) bl-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-fattura, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċjali u mandat fl-ismijiet premessi relatati mal-ammont mitlub f'din it-talba huma a kariku tal-konvenut.

**Av Anna Mallia**
**Ġudikatur**